MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 606/2010

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Theodore Azzopardi (Id. 583288M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' sitt mija u erba ewro u seba u tmenin centezmu (€604.87) minghand il-konvenut, rapprezentanti prezz ghal servizzi ta' telefonija cellulari rezi mis-socjeta attrici lill-konvenut in konnessjoni ma mobile phone bin-numru 79907225. U minkejja li gie interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti. Bl-ispejjes, inkluzi tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u erba ewro u seba u tmenin centezmu (€604.87), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------